KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 t'Awwissu 2012

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tal-Hames Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-**Hames (05)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju 2012 fl-4.00pm.** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Elezzjoni ta' Sindku
2. Accettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku
3. Elezzjoni ta' Vici Sindku
4. Accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici Sindku
5. Approvazzjoni tal-minuti
6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
7. Mistoqsijiet lis-Sindku
8. Approvazzjoni ta' hlas ta' kontijiet pendenti, xiri u materji finanzjarji
9. Hwejjeg ohra
10. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Hames (5) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti l-kunsilliera li gew eletti fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali li nzammet nhar is-Sibt 10 ta' Marzu 2012, jigifieri **s-Sinjuri Matthew Paris, Davina Sammut Hili, Vincent Borg u Nigel Holland flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Is-Sur Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta'sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mic-Chairperson is-Sur Vincent Borg li gie mitlub jippresiedi l-laqgha skont il-provvedimenti tal-Artikolu 31 (3) ta' l-Att tal-Kunsilli Lokali.

## 1. Elezzjoni ta' Sindku

1.1 Ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi primarjament irringrazzja lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili li skont il-linja direttiva tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, serviet ta' Sindku temporanju ghal dawn l-ahhar tliet xhur. Huwa kompla billi qal li grazzi ghall-hidma taghha, il-Kunsill Lokali Floriana kien wera li m'huwiex kunsill stagnat u kien kompla jahdem ghall-gid tar-residenti u tal-lokalita'.

1.2 Ic-Chairperson stieden lill-Kunsilliera sabiex jitfghu n-nominazzjonijiet taghhom ghall-elezzjoni ta' Sindku.

1.3 Il-Kunsillier Matthew Paris innomina lis-Sur Nigel Holland bhala sindku.

1.4 Ic-Chairperson Vincent Borg innomina lis-Sinjorina Davina Sammut Hili bhala sindku.

1.5 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Nigel Holland ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Nigel Holland, Matthew Paris)
Tnejn "Le" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)

1.7 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Davina Sammut Hili ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)
Tnejn "Le" (Nigel Holland, Matthew Paris)

1.8 Ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg fakkar li skont id-direttiva moghtija mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali f'Marzu, irid ikun hemm sitt votazzjonijiet qabel ma l-laqgha tkun tista' terga' tigi aggornata ghall-gimgha ta' wara. Ghalhekk, ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg talab li jkun hemm it-tieni votazzjoni.

1.9 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Nigel Holland ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Nigel Holland, Matthew Paris)
Tnejn "Le" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)

1.10 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Davina Sammut Hili ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)
Tnejn "Le" (Nigel Holland, Matthew Paris)

1.11 Ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg sejjah it-tielet votazzjoni.

1.12 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Nigel Holland ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Nigel Holland, Matthew Paris)
Tnejn "Le" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)

1.13 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Davina Sammut Hili ghall-kariga ta' Sindku,

bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)
Tnejn "Le" (Nigel Holland, Matthew Paris)

1.14 Ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg talab ghar-raba' votazzjoni.

1.15 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Nigel Holland ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Nigel Holland, Matthew Paris)
Tnejn "Le" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)

1.16 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Davina Sammut Hili ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)
Tnejn "Le" (Nigel Holland, Matthew Paris)

1.17 Ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg sejjah il-hames votazzjoni.

1.18 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Nigel Holland ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Nigel Holland, Matthew Paris)
Tnejn "Le" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)

1.19 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Davina Sammut Hili ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)
Tnejn "Le" (Nigel Holland, Matthew Paris)

1.20 Ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg sejjah is-sitt u l-ahhar votazzjoni.

1.21 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Nigel Holland ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Nigel Holland, Matthew Paris)
Tnejn "Le" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)

1.22 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Davina Sammut Hili ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)
Tnejn "Le" (Nigel Holland, Matthew Paris)

1.23 Minhabba li ma kienx hemm maggoranza fil-votazzjonijiet, il-Kunsill qabel li skont id-direttiva tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-laqgha tigi aggornata ghal bhal dakinhar gimgha fl-istess hin, jigifieri ghal nhar it-Tnejn 6 t'Awwissu 2012 fl-4.00pm.

1.24 Il-Kunsilliera Matthew Paris u l-Kunsillier Nigel Holland xtaqu li qabel ma tigi aggornata l-laqgha, jirringrazzjaw lill-kunsilliera Davina Sammut Hili u lill-kunsillier Vincent Borg ghall-hidma taghhom matul dawn l-ahhar tliet xhur fejn servew bhala Sindku u Vici Sindku rispettivament.

**Nota: 16:15 Il-Hames (05) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 6 t'Awwissu 2012 fl-4.00pm.**

Il-laqgha tkompliet nhar it-Tnejn 6 t'Awwissu 2012 fl-4.00pm. Ghall-kontinwazzjoni tal-Hames (5) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti l-kunsilliera li gew eletti fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali li nzammet nhar is-Sibt 10 ta' Marzu 2012, jigifieri **s-Sinjuri Matthew Paris, Davina Sammut Hili, Vincent Borg, Anthony Brincat u Nigel Holland flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**<u>Bidu tal-laqgha:</u>**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mic-Chairperson is-Sur Vincent Borg li gie mitlub jippresiedi l-laqgha skont il-provvedimenti tal-Artikolu 31 (3) ta' l-Att tal-Kunsilli Lokali.

## 1. Elezzjoni ta' Sindku

1.1 Ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg xtaq li jilqa' formalment lill-kunsillier Anthony Brincat lura fil-Kunsill u awguralu l-fejqan ta' malajr.

1.2 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li tigi sospiza l-laqgha tal-Kunsill sabiex minn qalbu jirringrazzja lis-Sinjorina Davina Sammut Hili u lill-kunsill kollu tal-ghajnuna li kienu offrewlu.

1.3 Ic-Chairperson is-Sur Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi fakkar li kien hemm zewg nominazzjonijiet ghall-kariga ta`Sindku, dik ta Nigel Holland, u dik ta Davina Sammut Hili.

1.4 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Nigel Holland ghall-kariga ta' Sindku, bir-rizultat kien:

Tlieta "Iva" (Anthony Brincat, Nigel Holland, Matthew Paris)
Tnejn "Le" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)

1.6 Ghaldaqstant, is-Sur Nigel Holland gie ddikjarat Sindku tal-Floriana u ntalab biex jiehu s-siggu biex ikompli jippresiedi l-laqgha.

## 2. Accettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland accetta formalment il-kariga u ffirma il-Formola ta' Accettazjoni tal-Hatra fil-prezenza tal-Kunsilliera.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland irringrazzja lil kull min wera fiducja fih u lil kumplament tal-kunsilliera.

## 3. Elezzjoni ta' Vici Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsilliera sabiex jghaddu n-nominazzjonijiet ghall-elezzjoni ta' Vici Sindku.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland stess innomina lill-Kunsillier Matthew Paris ghall-kariga ta' Vici Sindku.

3.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili innominat lill-Kunsillier Vincent Borg ghall-kariga ta' Vici Sindku.

3.4 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Vincent Borg ghall-kariga ta' Vici Sindku, bir-rizultat kien:

Tnejn "Iva" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)
Tlieta "Le" (Anthony Brincat, Nigel Holland, Matthew Paris)

3.5 Il-kunsilliera ghaddew biex jaghtu l-vot taghhom lil Matthew Paris ghall-kariga ta' Vici Sindku, bir-rizultat kien:

Tlieta "Iva" (Anthony Brincat, Nigel Holland, Matthew Paris)
Tnejn "Le" (Vincent Borg, Davina Sammut Hili)

3.6 Ghaldaqstant, is-Sur Matthew Paris gie elett Vici Sindku tal-Floriana u ntalab biex jiehu s-siggu magenb is-Sindku Nigel Holland.

## 4. Accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici Sindku

4.1 Il-Vici Sindku s-Sur Matthew Paris accetta formalment il-kariga u ffirma d-dokument fil-prezenza tal-Kunsillieri kollha.

## 5. Approvazzjoni tal-minuti

5.1 Il-minuti tar-raba (04) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

5.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg , ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-rizultat kien:-

Favur: 5 (DSH, VB, AB, MP, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

5.3 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv

## 6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

6.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Charles Demanuele fejn ippropona li jsir tarmac fi Pjazza Papa Gwanni XXIII u fi Triq Vilhena. Il-Kunsill qabel li din il-proposta ghandha tigi diskussa meta jigi diskuss il-programm tat-tarmac.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Karl De Flavia fejn informa lill-Kunsill li kien hemm xi hsarat fis-saqaf tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V liema hsarat kienu diga hemm qabel ma bdiet tinkera l-gabbana lilu. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mas-Sur De Flavia sabiex jiddiskuti dan.

6.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-proprjetarju ta' The Granaries fejn talab in-no objection tal-Kunsill sabiex tittella' attivita' quddiem ir-ristorant taghhom. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji inkluz dak tal-Pulizija u wara li tkun saret konsultazzjoni mar-residenti tal-madwar sabiex jigu nformati bl-gheluq tat-toroq.

6.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Basketball Club fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex itellghu il-Greens Night fi Gnien Sir Luigi Preziosi u fejn talbu wkoll l-ghajnuna tal-Kunsill ghall-organizzazzjoni tal-attivita’. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni sabiex l-attivita’ tittella’ fi Gnien Sir Luigi Preziosi izda rigward it-talba ghall-ghajnuna, il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem maghhom sabiex jitlobhom specifikazzjoni ta’ x’tip t’ghajnuna qed tkun rikjesta.

6.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Young Stars Hockey Club fejn ipproponew li jigi organizzat tournament konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsill approva u qabel li ghandu jiehu hsieb ix-xiri tat-trophies ghall-prezz li ma jaqbizx il-€55.

6.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iSkola Primarja fejn talbu lill-Kunsill sabiex ibiddel l-ispikes ghall-hamiem li hemm mal-bini tal-iskola minhabba li maz-zmien dawn kienu spiccaw. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jiehu hsieb it-twahhil ta' dawn l-ispikes izda qabel li ghandu joffri l-ispikes mitluba lill-iskola.

6.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iSkola Primarja fejn informaw lill-Kunsill li kienu qed jahdmu sabiex jippublikaw kalendarju ghas-sena l-gdida u offrew lill-Kunsill sabiex jiehu hsieb l-ippublikar tal-istess kalendarju. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jiehu hsieb l-ippublikar minhabba restrizzjonijiet finanzjarji u anke ladarba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill m'ghadiex li kienet.

6.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-MRRA fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser jipprovduh b'400sqm ta' porfido izda li ma kellhomx iktar metri ghad-dizpozizzjoni taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-Perit kemm jista' jkun malajr sabiex il-Kunsill jara kif ser jipprocedi.

6.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Amateur FC fejn talbu lill-Kunsill sabiex flimkien jorganizzaw Presentation Night b'mod kongunt. Il-Kunsill laqa' t-talba bil-kundizzjoni li l-ispiza ma tammontax aktar minn dik tas-sena l-ohra.

**Nota: 16:20 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

6.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Antoine Joseph Hili fejn ipprovda l-kwotazzjoni mitluba mill-Kunsill ghax-xoghol ta' tqeghid ta' monument fil-bronz. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss biex sadanittant il-Kunsill jilhaq jitlob il-permess tal-MRRA sabiex il-monument propost ikun jista' jitpogga fi Gnien il-Mall.

**Nota: 16:25 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

## 7. Mistoqsijiet lis-Sindku

7.1 Il-Kunsillier Vincent Borg xtaq primarjament jawgura ghall-fatt li l-kaxex li kien hemm fil-kuridur tad-Dar tal-Kunsill kienu tnehhew izda saqsa ghalfejn xi whud minn dawn il-kaxex kienu gew imtellghin fuq. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li dawn kienu ser jitnehhew kollha fil-granet li gejjin.

7.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet ghalfejn xi membri tal-pubbliku kienu qed ikunu fid-Dar tal-Kunsill b'mod kostanti meta ma jkollhomx laqgha mas-Sindku jew mal-kunsilliera u lanqas ikunu gew biex jinqdew mill-ufficcju amministrattiv. Hija kompliet tghid li dawn l-istess membri tal-pubbliku kienu qed ikunu fid-Dar tal-Kunsill anke meta ma jkunux prezenti l-iskrivani u meta l-ufficcju jkun maghluq u insistiet li ladarba l-ligi tghid li ma jistax ikun hemm membri tal-pubbliku fid-Dar tal-Kunsill meta l-ufficcju amministrattiv ma jkunx miftuh, il-Kunsill kellu jinforza u jimxi mal-ligi. Is-Sindku wiegeb li ghandu l-ewwel jivverifika x'tghid il-ligi qabel ma jkun jista' jwiegeb ghall-mistoqsija tal-kunsilliera Sammut Hili.

7.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-kunsilliera kienux ser izommu l-istess responsabbiltajiet ladarba kienu nbidlu l-karigi. Is-Sindku wiegeb li din il-materja kienet ser titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

7.4 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghad-daqq tal-alarm il-gimgha ta' qabel u saqsa jekk il-Kunsill kienx ivverifika x'seta' gara. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv li nforma lill-Kunsill li kellu jivverifika u jezamina l-filmati.

7.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet ghalfejn ma kienx qed jinghalaq il-kancell li jifred iz-zewg sulari tad-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li ghandha tittiehed l-azzjoni necessarja sabiex dan jibda' jinghalaq kif propost.

## 8. Approvazzjoni ta' hlas ta' kontijiet pendenti, xiri u materji finanzjarji

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ma kienx hemm pagamenti u kontinijiet pendenti minhabba li l-approvazzjoni ta' hlas ta' kontijiet pendenti, xiri u materji finanzjarji kienet saret fil-laqgha straordinarja.

8.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ghal darb'ohra kienet giet milquta jew ivvandalizzata l-information panel li hemm magenb Bieb il-Bombi. Huwa kompla billi qal li kien talab kwotazzjoni sabiex din tigi rrangata, li tammonta ghal €150. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

8.3 Il-Kunsillier Vincent Borg talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jara jekk hux possibli li l-Kunsill ikollu access ghall-filmati migbuda mill-kamera li hemm magenb Bieb il-Bombi sabiex ikun jista' jikkonkludi jekk din it-tabella kinietx qed tigi vvandalizzata jew milquta minn xi vetturi.

8.4 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa wkoll li jitnaddfu whud mill-information panels minhabba li bit-trabijiet bilkemm kienu jistghu jinqraw. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur ghaz-zamma tal-gonna sabiex ta' kultant jibda' jaghti mesha l-information panels li hemm fil-gonna.

8.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li l-Kunsill jixtri white board ghal-lecture room tad-Dar tal-Kunsill ghall-prezz ta' €160, minhabba li dak li kien qed isir uzu minnu fil-mument kien misluf lill-Kunsill mit-TCTC. Il-Kunsill approva.

## 9. Hwejjeg ohra

9.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li l-kunsilliera Davina Sammut Hili u hu kienu ltaqghu ma' membri mill-Kunsill tal-Belt kif kien gie deciz fil-laqgha precedenti fejn giet diskussa l-possibilta' li c-Celebrazzjoni ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena tigi organizzata b'mod kongunt. Huwa zied jghid li wara li ddiskutew l-alternattivi, kienu waslu ghall-qbil li l-attivita' tkun organizzajta nofs bin-nofs, fejn jintghazlu zewg pjazez fil-Belt Valletta u fil-Floriana li fihom tigi mtella' l-attivita'. Il-Kunsill qabel li din il-materja titpogga fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex tigi diskussa f'iktar dettall.

## 10. Aġġornament tal-laqgħa

10.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 13 t'Awwissu 2012 fl-4.00pm.

Il-laqgha ntemmet fil-16.45.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv